IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2017
COM(2017) 379 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja (Sommarju)

RAPPORT DWAR IS-SEGWITU GĦAT-TALBIET LI SARU MILL-PARLAMENT EWROPEW FIR-RIŻOLUZZJONIJIET TA' KWITTANZA TIEGĦU U MILL-KUNSILL FIR-RAKKOMANDAZZJONI TA' KWITTANZA TIEGĦU GĦAS-SENA BAĠITARJA 20151

0. INTRODUZZJONI

Fis-27 ta' April 2017, il-Parlament Ewropew - wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill — ta kwittanza lill-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2015. Kwittanza huwa l-proċess li permezz tiegħu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiskrutinjaw l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u li jżomm lill-Kummissjoni responsabbli għall-ġestjoni finanzjarju tagħha. Ir-rapport Annwali u r-rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri huma inputs ewlenin flimkien mar-rapportar proprju tal-Kummissjoni dwar il-kontijiet tal-UE kif ukoll il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.

Il-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2015 kienet ikkaratterizzata b'suċċess matul l-iskambju interistituzzjonali ta' fehmiet dwar kif tista' tittejjeb il-ġestjoni tal-fondi tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE. Matul id-dibattitu tal-għeluq fil-Parlament Ewropew f'April 2017, l-atturi ewlenin mill-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill appoġġaw **fowkus aktar qawwi fuq ir-riżultati**, li jikkonferma li l-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE hi importanti daqskemm hu importanti li jiġi żgurat li r-regoli proċedurali huma mħarsa. Dan huwa konformi bis-sħiħ mal-inizjattiva tal-Kummissjoni "Baġit tal-UE ffukat fuq ir-Riżultati" li għandha l-għan li ssaħħaħ l-fowkus sistematiku fuq il-prestazzjoni u r-riżultati, filwaqt li tagħmilha iktar faċli għaċ-ċittadini u l-partijiet kkonċernati biex jifhmu l-objettivi u l-impatti fuq il-baġit tal-UE. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri weġħdet ukoll li tiżviluppa b'mod kontinwu r-rapport annwali tagħha u tiffoka aktar fuq l-aspetti tal-prestazzjoni.

Il-kwittanza huwa proċess kontinwu li jipprovdi opportunità biex nitgħallmu mill-passat biex intejbu l-infiq futur tal-UE. Matul id-dibattitu plenarju, is-Sur Zeller, ir-relatur tal-kwittanza tal-Kummissjoni, esprima xewqa li r-riżoluzzjoni ta' kwittanza tkun segwita kif xieraq. Sabiex tipprovdi **feedback aktar veloċi** dwar il-prijoritajiet ewlenin tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni din is-sena ddeċidiet li tipproċedi b'dan ir-rapport ta' segwitu diġà f'Lulju.

Dan ir-rapport isegwi fuq it-talbiet ewlenin magħmula mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-proċedura ta' kwittanza u hija parti mill-Pakkett Integrat dwar ir-Rappurtar Finanzjarju tal-Baġit tal-UE tal-2016. Jiffoka b'mod partikolari fuq: 1) Il-futur tal-finanzi tal-UE, 2) il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, 3) il-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-Unjoni, u 4) l-Immaniġġar tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika.

It-tweġibiet dettaljati għal talbiet speċifiċi ta' kwittanza li saru mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, inklużi talbiet li saru b'rabta mar-rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri huma wkoll koperti minn din il-proċedura ta' kwittanza tal-2015, se jiġu ppubblikati fi stadju aktar tard.

---

1 Skont l-Artikolu 319(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Artikolu 166 tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikolu 119(5) tad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u l-Artikolu 144 tal-Għaxar FEŻ tar-Regolament Finanzjarju.

1. TALBIET EWLENIN RELATATI MAL-FUTUR TAL-FINANZI TAL-UE

Ir-relatur, is-Sur Zeller, innota li l-baġit tal-UE fl-2015 kien li jappoġġa l-objettivi politiċi fuq perjodu itwal bħalma huma l-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u l-istrateġija Ewropa 2020 filwaqt li tingħata tweġiba għal sitwazzjonijiet ta' kriżi f'diversi oqsma ta' politika, inkluża l-migrazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa għamel mistoqsijiet dwar kif jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-prijoritajiet politiċi u r-riżorsi baġitarji fil-futur kif ukoll biex jiġi żgurat il-kontroll parlamentari mal-fondi kollha marbuta ma' strateġiji tal-UE.

Is-Sur Zeller esprima wkoll tħassib dwar l-użu ta' mekkaniżmi finanzjarji "mhux direttament iffinanzjati mill-baġit tal-UE jew irreġistrati fil-karta bilanċjali tal-Unjoni" u r-riskji possibbli marbuta ma' żieda fl-użu ta' strumenti finanzjarji.

Dawn il-kwistjonijiet ġew diskussi b'mod estensiv matul il-proċedimenti ta' kwittanza u se jifformaw parti mill-proċess ta' riflessjoni ġenerali għat-tħejjija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP). Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Ewropa ppubblikata f'Marzu 2017 nediet dibattitu ġenerali dwar l-Ewropa fl-2025, inkluża l-perspettiva finanzjarja tal-Ewropa, imniżżla fid-dettall f'dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE tat-28 ta' Ġunju 2017.

Il-proċess politiku se jiġi kkumplimentat b'rieżami tal-effiċjenza, l-effikaċja u l-valur miżjud tal-UE tal-programmi ta' infiq. Dan se jappoġġa t-tħejjija tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' fondi u l-immodernizzar tal-baġit tal-UE.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda kontinwament ittejjeb ir-rappurtar tagħha dwar il-prestazzjoni bħala parti mill-istrateġija tagħha "Baġit Iffukat fuq ir-Riżultati". L-abbozz tal-Baġit 2018 jipprovdi dikjarazzjonijiet tal-programm li juru x'kisbu l-programmi sa issa u x'inhu mistenni minnhom f'termini ta' riżultati, il-progress u l-isfidi li ġejjin. Dan jappoġġa l-approċċ ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni.

It-Taqsimiet 1.1 u 1.2 jikkummentaw f'aktar dettall fuq żewġ preokkupazzjonijiet ewlenin tal-Parlament Ewropew.

1.1. IRID JINSTAB BILANĊ ĠDID BEJN IT-TWAQQIF TAL-AĠENDA POLITIKA, L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA U L-OQFSA FINANZJARJI (§§ 9–17):

Il-Parlament Ewropew (PE) approva s-suġġerimenti magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) fir-rapport tiegħu "Dokument informattiv dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu" tat-28.10.2016 li *"wasal iż-żmien għall-Kummissjoni biex tesplora alternattivi bħal:*

— pjan kontinwu ta' bbaġitjar tal-programm ma' ppjanar ta' ħames snin, klawżola(i) ta' rieżami skont l-objettivi u l-linji ta' politika u programm kontinwu ta' evalwazzjoni;

— jiġi determinat it-tul ta' programmi u skemi dwar ħtiġijiet ta' politika aktar milli jiġi bbażat fuq tul ta' perjodu ta' ppjanar finanzjarju; - Stati Membri u l-Kummissjoni jiġu mitluba li jippreżentaw ħtiġijiet ġustifikati kif xieraq għal (a) finanzjament tal-Unjoni u (b) ir-riżultati li jridu jinkisbu, qabel ma jiġi stabbilit l-infiq;"

Effettivament, il-Kummissjoni se teżamina l-aktar **tul adatt ta' żmien tal-QFP li jmiss** bil-ħsieb li jkun hemm bilanċ tajjeb bejn it-tul tal-mandati rispettivi tal-membri

tal-PE u tal-Kummissjoni u l-ħtieġa għall-istabbiltà għaċ-ċikli ta' programmazzjoni u fil-prevedibbiltà tal-investimenti.

Il-QFP huwa diskuss u maqbul bħala pakkett ma' leġiżlazzjoni fuq ir-riżorsi proprji. Peress li dan jiddetermina l-limiti massimi annwali fuq approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għas-setturi prinċipali ta' attività tal-Unjoni u l-limiti massimi annwali dwar l-approprjazzjonijiet għall-pagamenti, il-leġiżlazzjoni proposta dwar programmi ta' nfiq hija mfassla b'mod li jirrifletti u jikkonforma mal-għażliet politiċi u baġitarji magħmula fil-kuntest tal-QFP. Għalhekk, din il-leġiżlazzjoni tinkludi, b'mod ġenerali, **klawżoli ta' rieżami** allinjati mal-perjodu tal-QFP rispettiv.

Il-PE talab ukoll li s-suġġerimenti magħmula mill-QEA jiddaħħlu fil-dokument informattiv tiegħu dwar ir-rieżami f'nofs it-terminu u r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' livell għoli dwar ir-riżorsi proprji fl-aġenda li jmiss tal-**laqgħa ta' esperti dwar "Baġit Iffukat fuq ir-Riżultati"**. Il-Kummissjoni se tipproponi li l-grupp jiddiskuti l-kwistjonijiet imsemmija mill-PE. Fuq l-elementi marbuta direttament mal-prestazzjoni tal-baġit, kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar kwistjonijiet bħalma huma dawk rigward ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni u l-użu ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal ċiklu baġitarju diġà ġew u se jkomplu jkunu parti mid-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-esperti. Il-Kummissjoni se tanalizza kif se tintegra r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' livell għoli mar-riżorsi proprji fil-ħidma tal-grupp ta' esperti. L-esperjenzi maqsuma fil-laqgħat tal-esperti se jitqiesu fit-tħejjija tal-Konferenza annwali tal-2017 dwar il-Baġit tal-UE Ffukat fuq ir-Riżultati.

Il-PE jistieden ukoll lill-Kummissjoni tqis il-Ftehim ta' Pariġi biex tiżdied il-**mira ta' nfiq relatata mal-Klima** fil-baġit tal-UE minn 20 % għal 30 %. Il-Kummissjoni spjegat il-pożizzjoni tagħha dwar il-fattibbiltà ta' bidliet kbar fil-QFP attwali fit-tweġibiet tagħha lir-rapport speċjali tal-QEA nru 31/20162, li jivvaluta l-progress tal-Kummissjoni lejn il-kisba ta' 20 % tal-infiq tal-baġit, biex b'hekk il-baġit tal-UE sar pijunier fil-promozzjoni tal-integrazzjoni.

Il-Kummissjoni se tfittex li tallinja aktar l-infiq baġitarju mal-miri tal-politika tal-UE fil-kuntest tal-qafas leġiżlattiv eżistenti. Bir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP attwali, il-Kummissjoni diġà ħadet passi biex isaħħaħ il-kapaċità tal-baġit biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet tal-UE. Il-proposti tal-Kummissjoni għal baġits futuri tal-UE (u l-QFP tal-futur) fil-ġejjieni se jikkunsidraw il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali. L-għan għall-QFP wara l-2020 huwa li jkun hemm sett ta' programmi tal-UE allinjati, effiċjenti u effettivi biex jitwettqu l-prijoritajiet politiċi.

1.2. IL-"BAĠITS PARALLELI" JINĦTIEĠ LI JINĠIEBU TAĦT IL-KAPPA TIEGĦU TAL-BAĠIT TAL-UNJONI (§§ 24–27)

Il-Kummissjoni Ewropea hija mitluba tipproponi miżuri biex l-arranġamenti ta' finanzjament tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE jkunu mgħammra aħjar biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà; tippreżenta evalwazzjoni tal-

2 Jinsab fl-indirizz li ġej: http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR16_31/SR_CLIMATE_MT.pdf

impatt tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) fuq programmi u strumenti finanzjarji oħra; tiżgura li l-istrumenti finanzjarji jkunu kompatibbli mal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea; u biex tħejji komunikazzjoni dwar l-hekk imsejħa "baġits paralleli".

Il-Kummissjoni tinnota li xi wħud minn dawn il-mekkaniżmi kienu maħluqa biex iwieġbu għall-kriżi taż-Żona tal-Euro u huma ta' natura intergovernattiva. Għal din ir-raġuni, huma barra l-qafas tal-baġit tal-UE. Strumenti oħra bħall-FEIS u l-Fond Ewropew tal-Investiment jikkumplimentaw mekkaniżmi ta' twassil aktar tradizzjonali ta' komunikazzjoni tagħha mill-baġit tal-UE, b'titjib fl-ilħuq u fl-effett ta' lieva.

Konsegwentement, l-istruttura finanzjarja attwali tal-UE ppermettiet il-mobilizzazzjoni ta' fondi għal ħtiġijiet ġodda u li jsir aktar b'inqas. L-impatt tal-istrumenti fil-baġit tal-UE huwa spjegat fil-kontijiet annwali tal-UE li huma awditjati mill-QEA. Rapporti speċifiċi dwar l-istrumenti finanzjarji, fondi fiduċjarji u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija huma pprovduti wkoll, li tiżgura trasparenza u responsabiltà.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjoni dwar din il-kwistjoni mitluba mill-PE, il-Kummissjoni tinnota li l-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa fl-2025 nediet proċess ta' riflessjoni u dibattitu ġenerali qabel it-tħejjijiet tal-QFP li jmiss. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għadha kif adottat dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE. Il-kwistjoni tal-arkitettura finanzjarja tal-UE se tifforma parti mill-proċess ta' riflessjoni ġenerali għat-tħejjija tal-QFP li jmiss.

Rigward il-**kompatibbiltà ta' strumenti finanzjarji mal-istrateġija tal-UE**, il-Kummissjoni tenfasizza li l-istrumenti finanzjarji huma għodda għas-servizz tal-politiki tal-UE. Ma jipperikolawx politiki li fuqhom kien hemm qbil u ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala theddida għal kwalunkwe politika. L-użu tagħhom fi snin fil-ġejjien se jiddependi fuq il-livell ta' ambizzjoni mqiegħed fuq il-baġit u l-politiki tal-UE u jekk humiex strumenti xierqa sabiex iservu dawn il-politiki.

Bil-proposta tagħha għal rieżami tar-**Regolament Finanzjarju/Omnibus3**, il-Kummissjoni diġà għandha l-għan li tinkludi l-arranġamenti ta' finanzjament differenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-fondi fiduċjarji, il-fondi ta' investiment strateġiku, fondi ta' garanzija, faċilitajiet, strumenti finanzjarji u assistenza makrofinanzjarja fi ħdan qafas regolatorju waħdieni tar-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari t-Titolu X. Barra minn hekk, ir-regoli dwar il-fondi strutturali u ta' investiment u fondi ġestiti mill-Kummissjoni se jiġu ssimplifikati kemm jista' jkun possibbli. Din il-proposta bħalissa qed tiġi diskussa mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tilqa' kull proposta mill-Parlament u għandha l-għan li ttejjeb il-mod ta' kif dawn il-problemi jiġu indirizzati.

Dwar it-talba ta' evalwazzjoni mill-ġdid tal-valutazzjoni *ex ante* għall-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility, CEF)**, **l-istrument ta' dejn**, b'kunsiderazzjoni tal-ħolqien tal-FEIS u ta' sottomissjoni ta' evalwazzjoni tal-impatt tal-FEIS, il-Kummissjoni tqis li l-iżviluppi tas-suq li jseħħu wara t-tnedija ta' strument finanzjarju jinħtieġ li jkunu vvalutati matul il-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu ta' dan l-istrument.

3 COM(2016) 605 final, 14.09.2016

Minkejja dan, il-Kummissjoni taċċetta li tivvaluta l-koerenza tal-Istrument tad-Dejn tas-CEF ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, inkluż il-FEIS, ir-rieżami ta' nofs it-terminu tas-CEF li għadu għaddej u huwa mistenni li jiġi konkluż fl-aħħar tal-2017, wara l-finalizzazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni minn konsulenti esterni. Barra minn hekk, se jsir pubbliku *addendum* tal-valutazzjoni *ex ante* tas-CEF, li jirrifletti fuq il-ħtiġijiet ta' investiment wara t-tnedija tal-FEIS u l-potenzjal għal strument ta' ekwità f'setturi tas-CEF.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tippreżenta valutazzjoni tal-**impatt tal-FEIS** fuq strumenti finanzjarji oħra fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-FEIS, kif xieraq.

2. ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA (§ § 40–42)

Il-PE u l-Kunsill ippreżentaw tliet talbiet ewlenin li jikkonċernaw rispettivament il-monitoraġġ rigward impenji pendenti; it-twaqqif ta' tbassir ta' flussi tal-flus fuq żmien twil aġġornat annwalment; u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-limitazzjonijiet ta' kapaċità f'xi Stati Membri u tagħtihom assistenza teknika sabiex jiżdiedu r-rati ta' assorbiment, speċjalment fil-qasam tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

Fir-rigward ta' **impenji pendenti**, il-Kummissjoni se tkompli tieħu miżuri vis-à-vis l-Istati Membri sabiex jonqsu dawn u jagħmlu aktar użu mill-korrezzjonijiet netti fil-koeżjoni, filwaqt li jiġi rispettat il-qafas regolatorju.

Dwar l-**appoġġ għall-Istati Membri**, il-Kummissjoni diġà daħħlet fis-seħħ Task Force għal Implimentazzjoni Aħjar sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej f'ċerti Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa fil-qafas stabbilit mill-QFP u l-leġiżlazzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni biħsiebha tiżgura li jittieħed benefiċċju totali mill-ħidma tat-Task Force u se tiffoka fuq il-wasla ta' strateġija proattiva u mmirata lejn l-Istati Membri li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Politika ta' koeżjoni fl-2014-20.

Dwar **fluss tal-flus fuq żmien twil** aġġornat, fil-Komunikazzjoni dwar ir-rieżami / reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, il-Kummissjoni ppreżentat it-tbassir tal-pagamenti li jivvaluta s-sostenibbiltà tal-limiti massimi attwali u l-inklużjoni ta' stima tal-diżimpenji u l-evoluzzjoni ta' *reste à liquider* (RAL) sa tmiem il-QFP attwali.

Il-Kummissjoni se tissorvelja kontinwament l-implimentazzjoni u l-aġġornament tat-tbassir tagħha kif xieraq.

Barra minn hekk, fl-2017, il-Kummissjoni se taġġorna t-tbassir għall-approprjazzjonijiet ta' pagament għal wara l-2020, skont il-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba.

3. KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (§§ 83, 85, 97, 99, 101)

Il-PE ippreżenta diversi talbiet li jikkonċernaw rispettivament Rapport ir-**Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (Annual Management and Performance Report, AMPR)** u Orizzont 2020.

Matul is-snin, il-Kummissjoni introdukiet mekkaniżmi ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni mfassla biex jispjegaw l-operazzjonijiet ta' programmi ta' nfiq u juru kif il-fondi tal-UE qed jintużaw biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika.

L-atti bażiċi ġuridiċi u ta' implimentazzjoni kollha tal-programmi ta' nfiq permezz tal-QFP 2014-2020 jinkludu l-oqfsa tal-prestazzjoni li jiddefinixxu l-objettivi u u jistabbilixxu indikaturi li jkejlu l-progress, kif ukoll l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' rappurtar u evalwazzjoni. L-implimentazzjoni tal-qafas ta' prestazzjoni hi aġġornata darba fis-sena fid-dokument ta' ħidma mehmuża mal-abbozz tal-baġit jiġifieri d-Dikjarazzjonijiet tal-Programm. **L-AMPR li jiġbor flimkien kemm l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit tal-UE u jipprovdi approċċ olistiku dwar kif il-baġit tal-UE qed jintuża biex isostni l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni**.

Mill-2016, l-AMPR tal-Kummissjoni jgħaqqad żewġ rapporti preċedenti: ir-Rapport ta' Evalwazzjoni prodott skont l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; u r-Rapport ta' Sinteżi meħtieġ mill-Artikolu 66(9) tar-Regolament Finanzjarju. Ir-rapport huwa bbażat fuq ir-Rapporti ta' Attività Annwali (Annual Activity Reports, AARs) tad-dipartimenti tal-Kummissjoni u wkoll ta' sorsi oħra ta' informazzjoni, bħal prestazzjoni dettaljati għad-Dikjarazzjonijiet tal-Programm ippreżentati mal-baġit annwali, rapporti ta' evalwazzjoni tal-programmi tal-baġit tal-UE u r-Rapport Ġenerali dwar l-attività tal-Unjoni. Jiġbor flimkien kemm l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit tal-UE, l-AMPR jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva dwar kif il-baġit tal-UE qed jintuża biex isostni l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Il-kisbiet fl-ispazju u fl-AMPR huma deskritti skont il-livelli differenti ta' maturità tal-programmi, li jvarjaw minn dejta tal-input għall-fażi bikrija tal-programm għar-riżultati għal programmi finalizzati. Il-Kummissjoni tippreżenta informazzjoni li hija disponibbli fi żmien it-tħejjija tal-AMPR. Huwa normali li, fil-fażi bikrija ta' implimentazzjoni tal-programm, din l-informazzjoni tikkonċerna inputs (allokazzjoni finanzjarja) u, fejn possibbli, outputs. Din l-informazzjoni tagħti indikazzjoni tajba tal-infiq mill-baġit tal-UE u l-kontribut tal-baġit tal-UE għall-prijoritajiet politiċi. Ladarba t-twettiq tal-programm huwa aktar matur, se tkun disponibbli informazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatti. Rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi taħt il-QFP attwali se jkompli jiġi pprovdut f'edizzjonijiet futuri tal-AMPR.

Il-PE jistieden lill-Kummissjoni għal pubblikazzjoni aktar bikrija u tal-AMPR. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa aħjar fir-rapporti ta' prestazzjoni tagħha li jmiss l-outputs u l-eżiti tal-politiki kollha, u biex b'mod ċar u sintetiku turi l-kontribut tal-politiki Ewropej lejn l-objettivi tal-Unjoni u biex tevalwa l-kontribut rispettiv tagħhom għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020.

Il-Kummissjoni adottat l-AMPR tal-2016 fit-13 ta' Ġunju 2017, qabel l-iskadenza legali tal-15 ta' Ġunju bl-applikazzjoni tal-Artikolu 66(9) tar-Regolament Finanzjarju. Pubblikazzjoni ferm bikrija tal-AMPR xorta mhux se tkun kompatibbli mal-iskadenzi legali attwali tal-Istati Membri għal trażmissjoni ta' dejta rilevanti lill-Kummissjoni. Din id-dejta hija input ewlieni għall-AARs għad-DĠ responsabbli minn fondi permezz ta' ġestjoni kondiviża.

Mill-2016 'il quddiem u abbażi tal-Pjanijiet Strateġiċi prodotti minn kull dipartiment tal-Kummissjoni, l-AARs jispjegaw kif l-objettivi speċifiċi jikkontribwixxu għall-prijoritajiet politiċi u jkomplu jiċċaraw ir-rabtiet ma' Ewropa 2020.

Kemm il-PE u l-Kunsill għamlu talbiet dwar prestazzjoni aħjar ta' rappurtar u ġestjoni fil-qafas ta' **Orizzont 2020**.

Dwar ir-rappurtar tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar ir-Rapport tal-Evalwazzjoni *Interim* ta' Orizzont 2020 u fl-AMPR dwar il-progress taħt Orizzont 2020 u l-kontribut tal-programm Ewropa 2020 ibbażat fuq l-aħħar l-informazzjoni disponibbli dwar il-prestazzjoni. Barra minn hekk, hija se tivvaluta l-prestazzjoni tal-programmi ta' ħidma li se jiġu implimentati fil-Programmi ta' Ħidma 2018-2020.

Fir-rigward tal-qafas tal-ġestjoni tal-prestazzjoni, **il-Kummissjoni se tiżgura l-użu konsistenti tat-termini, tal-input, tal-output, tar-riżultati u tal-impatt skont il-linji gwida tar-regolamentazzjoni aħjar**. Hija se tkompli tippromwovi l-applikazzjoni konsistenti ta' dawn il-linji gwida billi titqajjem sensibilizzazzjoni u taħriġ xieraq.

4. KISBIET TAL-ĠESTJONI U GĦODOD TA' GOVERNANZA INTERNA TAL-KUMMISSJONI (§§ 62, 70-73, 215E, 306)

Il-PE u l-Kunsill jilqgħu l-opinjoni mingħajr riżervi mill-QEA dwar il-kontijiet tal-UE, u li d-dħul kien ħieles minn żball materjali. Il-QEA sabet ukoll li l-impenji huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, minkejja li kemm il-PE kif ukoll il-Kunsill jinnotaw li l-livell kumplessiv ta' żball stmat għal pagamenti tjieb f'dawn l-aħħar snin, xorta waħda huma diżappuntati li l-pagamenti kienu materjalment affettwati minn żbalji.

Il-PE jenfasizza l-ħtieġa biex **tintuża l-informazzjoni kollha disponibbli għall-prevenzjoni, l-identifikar u l-korrezzjoni tal-iżbalji**. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex toħroġ **"Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni"** bbażata fuq l-AARs tad-Diretturi Ġenerali, li tipproduċi **statistika proprja tal-istima tal-livell ta' żball** u biex tevalwa b'mod separat l-ammonti ta' flus tal-UE li l-Kummissjoni tipprevedi li tirkupra permezz tal-**irkupri / korrezzjonijiet finanzjarji** marbuta mas-sena finanzjarja 2015.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jaħdmu flimkien ħalli jikkonverġu l-approċċi tagħhom fil-valutazzjoni tal-impatt ta' korrezzjoni finanzjarja fuq l-ammont stmat f'riskju ta' għeluq u biex tiġi pprovduta dejta komparabbli. Huwa jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tipprovdi **rapport komprensiv lill-awtorità baġitarja dwar l-oqsma fejn il-livell stmat ta' żbalji identifikat huwa għoli b'mod persistenti u l-kawżi ewlenin**.

Bħala amministratur tal-baġit tal-UE, l-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tiżgura l-ġestjoni finanzjarja soda tal-baġit tal-UE billi jiġu applikati kontrolli preventivi u korrettivi, filwaqt li jittieħed kont tan-natura pluriennali tal-programmi. Hi tieħu miżuri preventivi bħal kontrolli *ex ante*, sospensjoni u interruzzjoni ta' pagamenti kif ukoll miżuri korrettivi bħal korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri.

Il-Kummissjoni tirrapporta dwar dawn il-miżuri fl-AMPR, billi tibbaża ruħha fuq l-AARs tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Kif mitlub mill-Kunsill, hija se tkompli taħdem flimkien mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-għan li jkompli jittejjeb ir-rappurtar.

Wara talbiet tal-PE f'proċeduri preċedenti ta' kwittanza, l-ammont f'riskju fl-għeluq iddaħħal fl-AMPR tal-2015 biex issir stima tal-ammont ta' nefqa potenzjalment f'riskju ġaladarba jiġi konkluż iċ-ċiklu pluriennali ta' kontroll u l-miżuri korrettivi ġew applikati. Huwa bbażat fuq l-aħjar stima konservattiva tal-Kummissjoni u l-ammont f'riskju għall-baġit u l-korrezzjonijiet li huma mistennija li jiġu implimentati. Id-dejta rilevanti mill-Istati Membri hija meqjusa wkoll.

Il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta dwar l-ammont globali f'riskju fl-AMPR. **L-ammont f'riskju fl-għeluq għas-sena finanzjarja 2016 huwa stmat li jkun bejn 0,65 % u 1,07 % tan-nefqa totali għall-2016.** Dan juri li l-Kummissjoni tiġġestixxi b'mod effettiv ir-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tan-nefqa f'perspettiva pluriennali.

Bl-adozzjoni tal-AMPR għall-Baġit tal-UE, il-Kulleġġ tal-Kummissjoni jassumi r-responsabbiltà politika ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni tqis li dan jinkludi r-responsabbiltà għall-ħidma tas-servizzi tiegħu.

F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni għal stima statistika tal-livell ta' żball, il-Kummissjoni tqis li approċċ bħal dan jirriżulta f'livell addizzjonali ta' awditjar, b'mod partikolari għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera ma' Awtoritajiet ta' Verifika tal-Istati Membri u tiddefinixxi flimkien magħhom approċċ statistikament validu komuni biex jistma l-livell ta' żball, u sabiex tuża tali rati ta' żbalji wara l-validazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni timplimenta l-"prinċipju ta' awditu uniku" billi tiffoka l-attività tagħha fuq l-awditjar tal-awdituri tal-Istati Membri u tivvalida l-ħidma ta' awditjar tagħhom.

Il-Kummissjoni adottat rapport dwar il-kawżi ewlenin tal-iżbalji u l-azzjonijiet meħuda fit-28 ta' Frar 20174. Ir-rapport ikkonkluda li l-Kummissjoni u l-QEA jaslu għall-istess konklużjonijiet ġenerali dwar in-natura u l-għeruq li jikkawża livelli persistentement għoljin ta' żball: dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li xi drabi huma aggravati minn qafas legali kumpless. Il-Kummissjoni għalhekk qed tkompli ssegwi l-aġenda tagħha ta' simplifikazzjoni ta' regoli, pereż. fil-kuntest tal-proposta biex jiġi rivedut ir-Regolament Finanzjarju / Omnibus.

Il-PE jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iżżid **dikjarazzjoni annwali fuq il-governanza** u **dikjarazzjoni dwar is-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu ta' żmien medju u twil** għad-dikjarazzjoni finanzjarja.

Il-Kummissjoni se taġġorna u tippubblika l-arranġamenti ta' governanza tagħha fuq bażi regolari. Informazzjoni dwar l-ammonti f'riskju fl-għeluq hija ppreżentata fl-AMPR.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' sostenibbiltà fiskali fuq perjodu ta' żmien medju u twil, minħabba differenzi fid-dimensjoni tad-dejn (jiġifieri l-kapaċità li tlaħħaq mal-impenji finanzjarji jew finanzjament mill-ġdid jew żieda fid-dejn) u d-dimensjoni tad-dħul (jiġifieri l-kapaċità li jvarjaw il-livelli ta' tassazzjoni eżistenti jew l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' dħul) tal-Baġit tal-Unjoni ma jistax jitqabbel ma' baġits nazzjonali. Fil-kuntest tal-UE, il-QFP huwa għodda li tiżgura stabbiltà fuq terminu medju u twil u l-prevedibbiltà ta' rekwiżiti futuri ta' pagamenti u prijoritajiet baġitarji. Il-Kummissjoni tirrapporta dwar dawn l-aspetti aktar tard fis-sena billi ċ-ċiklu baġitarju ma jippermettix il-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni flimkien mal-kontijiet annwali.

Għas-sejħa kemm mill-PE u mill-Kunsill biex ikunu aktar proattivi dwar l-approċċ ta' **"awditu uniku"**, il-Kummissjoni kkonfermat li dan diġà huwa l-każ fis-sistemi ta' kontroll f'diversi livelli fl-oqsma ta' politika implimentati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

4 (COM(2017) 124).

Dwar it-talba relatata mat-twettiq ta' analiżi tal-hekk imsejħa **"proġetti retrospettivi"** li għandhom jinkludu valutazzjonijiet *ex ante* li jivverifikaw li proġetti ta' sostituzzjoni jilħqu l-objettivi ppjanati, il-Kummissjoni tosserva li s-sostituzzjoni b'dawn il-proġetti hija possibbli fil-qafas legali eżistenti. Bil-ġestjoni kondiviża, hija r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru u għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-programm ikkonċernat, kif iċċarat mill-Kummissjoni fil-gwida tagħha. Il-leġiżlazzjoni tippermetti dan l-approċċ. Mhuwiex ir-rwol tal-Kummissjoni li twettaq evalwazzjonijiet *ex ante* ta' dawn il-proġetti, skont il-prinċipji tal-ġestjoni konġunta. Madankollu, il-Kummissjoni regolarment twettaq awditi biex tivverifika li l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

5. IL-ĠESTJONI TAL-FAĊILITÀ GĦALL-PAĊI AFRIKANA §§ 92–93

Fil-kuntest tar-riżoluzzjoni tal-PE dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-PE ppreżenta żewġ talbiet importanti lill-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-**Faċilità għall-Paċi Afrikana** relatati mal-governanza u r-rappurtar dwar miżuri korrettivi fil-ġestjoni tal-fondi.

Dwar il-governanza, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) f'Jannar 2017 iffirmaw ftehim ġdid bejn is-servizzi li jistabbilixxi diviżjoni ċara tax-xogħol bejn id-DĠ DEVCO u l-SEAE (Kwartieri Ġenerali u Delegazzjonijiet) għall-ġestjoni tal-Faċilità għall-Paċi Afrikana.

Sa fejn huma kkonċernati l-miżuri korrettivi, id-Direttur Ġenerali DEVCO għamel preżentazzjoni fil-kumitat konġunt CONT/DEVE fil-31 ta' Jannar 2017. Sar qbil mal-Presidenti tal-Kumitati li l-preżentazzjoni ta' segwitu se ssir fi żmien xieraq.

Barra minn hekk, ġie adottat u mniedi Pjan ta' Azzjoni ġdid bl-għan li jindirizza ulterjorment in-nuqqasijiet li baqa' fis-sistema ta' kontroll mid-DĠ DEVCO fl-2016 wara r-riservi maħruġa fir-Rapport ta' Attività Annwali tiegħu għall-2015 rigward oqsma ta' nfiq ta' riskju għoli identifikati permezz ta' analiżi tar-rata ta' żball. Qed tingħata attenzjoni speċjali biex il-monitoraġġ ta' operazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali kif ukoll wieħed miż-żewġ oqsma speċifiċi assoċjati ma' riskju akbar ta' żbalji. It-tielet riżerva dwar il-Faċilità għall-Paċi Afrikana tqajmet b'mod separat u għandha x'taqsam ma' serje ta' miżuri ffukati li qed jiġu implimentati.

* * *